

**ANNESS I**  
**KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

## **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Equip WNV emulsjoni għall-injezzjoni għaż-żwiemel

## **2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA**

Kull doża ta' 1 ml fiha:

**Sustanza attiva:**

Virus West Nile inattivat, razza VM-2 1.0–2.2 RP\*

**Ingredjenti miżjudha oħra mhux attivi:**

Żejt SP: 4.0% – 5.5% (v/v)

\*Qawwa relattiva b'metodu *in vitro*, imqabbel ma' vaċċin ta' referenza li ntwerha li kien effikaċi fiż-żwiemel.

**Ingredjenti oħra:**

<b>Kompożizzjoni kwalitattiva tal-ingredjenti u kostitwenti oħra</b>
Minimum essential medium (MEM)
Phosphate buffered saline

Emulsjoni ftit roża u opaka.

## **3. TAGĦRIF KLINIKU**

### **3.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott**

Żwiemel.

### **3.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.**

Għall-immunizzazzjoni attiva ta' żwiemel minn 6 xhur 'il fuq kontra l-marda kkawżata mill-virus West Nile (WNV) billi jitnaqqas in-numru ta' żwiemel b'viremja wara infekzjoni b'WNV lineage strains 1 u 2 u biex jitnaqqas it-tul u s-severità tas-sinjal kliniċi kontra WNV lineage strains 2.

Bidu tal-immunità: 3 ġimġħat wara l-kors primarju ta' vaċċinazzjoni.

Tul tal-immunità: 12-il xahar wara l-kors primarju ta' vaċċinazzjoni għal WNV lineage strains 1. Għal WNV lineage strains 2 it-tul tal-immunità ma' għixx stabbilita.

### **3.3 Kontraindikazzjonijiet**

Xejn.

### **3.4 Twissijiet speċjali**

Laqqam biss annimali f'saħħithom.

### **3.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu**

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi li fuqhom ser jintuża l-prodott:

Il-vaċċinazzjoni tista' tinterferixxi ma' studji sero-epidemjoloġiċi eżistenti. Madankollu, peress li riżultat pożittiv tat-test IgM-ELISA huwa

indikatur qawwi ta' infelicità naturali bil-virus West Nile. Jekk hija ssuspettata infelicità minħabba respons IgM pożittiv, ikun meħtieġ li jsiru aktar testijiet biex jiġi determinat b'mod konklussiv jekk l-animal kienx infettat jew vaċċinat.

Ma twettqux studji speċifiċi biex jintwera n-nuqqas ta' interferenzi minn antikorpi ġejjin mill-omm fuq it-teħid tal-vaċċin. Għalhekk huwa rrakkomandat li ma jiġi vaċċinat ebda mor ta' età inqas minn 6 xhur.

#### Prekawzjonijiet speċjalisti li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-animali

F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidental, fittex parir mediku minnufih u uri l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

#### Prekawzjonijiet speċjalisti għall-protezzjoni tal-ambjent: Mhux applikabbli.

### **3.6 Effetti mhux mixtieqa**

Żwiemel:

Rari (1 sa 10 animali / 10,000 animali trattati):	Reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva (inklużi remettar, skoordinament, telqa u nifs batut) <sup>1</sup> .
Rari ħafna (<1 animal / 10,000 animali trattati, inkluż rapporti iżolati):	Ipertermija <sup>2</sup> Nefħa fil-post tal-injezzjoni (xi kultant huma assoċjati ma' ugħiġ u dipressjoni ħafifa) <sup>3</sup>

<sup>1</sup> Bħal kull vaċċin ieħor, reazzjonijiet okkażjonali ta' ipersensittività jistgħu jseħħu rarament. Jekk isseħħi reazzjoni bħal din, it-trattament xiéraq għandu jingħata mingħajr dewmien.

<sup>2</sup> Jgħaddu fi żmien jumejn.

<sup>3</sup> Reazzjonijiet lokali li jgħaddu f'forma ħafifa, nefħa lokali fis-sit tal-injezzjoni wara l-vaċċinazzjoni (massimu ta' 1 cm fid-dijametru) li jitilqu waħedhom fi żmien ġurnata jew tnejn.

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurta ta' prodott mediċinali veterinarju. Ir-rapporti għandhom jintbagħtu, preferibbilment permezz ta' veterinarju, jew lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqiegħi fis-suq jew ir-rappreżentant lokali tiegħi jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali. Ara wkoll l-aħħar sejjoni tal-fuljett ta' tagħrif għad-dettalji ta' kuntatt rispettivi.

### **3.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġ u fi żmien il-bidien**

#### Tqal u treddiġi

Jista' jintuża waqt it-tqala u fi żmien it-treddiġi.

Ma twettqux studji speċifiċi dwar l-effikaċja fi dwieb tqal. Bħala konsegwenza, ma jistax jiġi eskuż li immunodipressjoni temporan ja li tista' tkun osservata waqt tqala tista' tinterferixxi mat-teħid tal-vaċċin.

### **3.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni**

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurta u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Għalhekk id-deċiżjoni li tuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor għandha tittieħed skont il-każ.

### **3.9 Metodi ta' amministrazzjoni u dożaġġ**

Aġħti l-kontenut kollu tas-siringa (1 ml), permezz ta' injejżzjoni fonda ġol-muskoli fin-naħħa tal-ġħonq, skont l-iskeda li ġejja:

- Kors ta' vaċċinazzjoni primarju: l-ewwel injejżzjoni minn età ta' sitt xhur, it-tieni injejżzjoni 3-5 ġimħat wara.
- Vaċċinazzjoni mill-ġdid: għalkemm din l-iskeda għadha ma ġietx validata kompletament, għandu jintlaħaq grad suffiċjenti ta' protezzjoni wara injejżzjoni *booster* ta' kull sena b'doża waħda ta' 1 ml.

### **3.10 Sintomi ta' doża eċċessiva (u fejn applikabbi, proċeduri ta' emerġenza u antidoti)**

Wara l-għoti ta' doża doppja ta' vaċċin, ma kienu osservati l-ebda reazzjonijiet avversi minbarra dawk deskritti taħt sezzjoni 3.6.

### **3.11 Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' prodotti mediciinali veterinarji antimikrobiċi u antiparassitiċi sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' żvilupp ta' reżistenza**

Kull persuna li għandha ġsieb timmanifattura, timporta, iżżomm, tħiġi, tipprovdi u tuża dan il-prodott mediciinali veterinarju għandha l-ewwel tikkonsulta mal-awtorită kompetenti tal-Istat Membru relevanti dwar il-programmi ta' tilqim fis-seħħi, minħabba li dawn l-attività jistgħu jkunu pprojbiti fit-teritorju kollu ta' Stat Membru jew f'parti minnu skont il-liġi nazzjonali.

### **3.12 Perjodi ta' tiżmim**

Żero ġranet.

## **4. INFORMAZZJONI IMMUNOLOĠIKA**

### **4.1 Kodiċi ATC veterinarja: QI05AA10**

Immunoloġiċi għal Equidae, vaċċini virali inattivati għaż-żwiemel.  
Il-vaċċin jistimula immunità attiva kontra l-virus West Nile.

## **5. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU**

### **5.1 Inkompatabilitajiet maġġuri**

Tħallatx ma' prodotti mediciinali veterinarji oħra.

### **5.2 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediciinali**

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediciinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: sentejn.

### **5.3 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen**

Aħżeen u ttransporta ġo friġġ (2 °C – 8 °C).

Tiffriżax.

Ipproteġi mid-dawl.

#### **5.4 In-natura u l-ġħamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott**

Siringa tal-ħġieġ tip I mimlija bil-lest b'doża waħda (1 ml) magħluqa b'tarf tal-gomma bromobutyl. Ippakkjar: kaxxa tal-kartun ta' 2, 4 jew 10 siringi bil-labar b'doża waħda.

Mhux id-daqsjiet kollha tal-pakkett jistgħu jitpoġġew fis-suq.

#### **5.5 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti**

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku. Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitkolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġibir applikabbi għall-prodott mediċinali veterinarju kkonċernat.

### **6. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Zoetis Belgium

### **7. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/08/086/004-006

### **8. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 21/11/2008.

### **9. DATA TAL-AĦĦAR REVIŻJONI TAL-KARTTERISTIČI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

{JJ/XX/SSSS}

### **10. KLASSIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI VETERINARJI**

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fil-Bażi tad-data tal-prodotti tal-Unjoni.

**ANNESS II**

**KONDIZZJONIJIET U ĦTIĠIJIET OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID  
FIS-SUQ**

Xejn

**ANNESS III**  
**TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF**

## **A. TIKKETTA**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

Kaxxa tal-kartun ta' 2, 4 jew 10 siringi mimlija bil-lest b'doża waħda.

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Equip WNV emulsjoni għal injejżzjoni għaż-żwiemel

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA**

1 ml fi:

Virus West Nile inattivat, razza VM-2 (1.0-2.2 RP)

**3. DAQS TAL-PAKKETT**

2 siringi b'doża waħda

4 siringi b'doża waħda

10 siringi b'doża waħda

**4. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**

Żwiemel

**5. INDIKAZZJONIJIET****6. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI**

Użu intramuskulari.

**7. ŻMIEN TA' TIŻMIM**

Żmien ta' tiżemm: Żero ġranet.

**8. DATA TA' SKADENZA**

Exp. {xx/ss}

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEċJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Aħżeen u ttrasporta gó friġġ.

Tagħmlux fil-friża.

Ipproteġi mid-dawl.

**10. IL-KLIEM “AQRA L-FULJETT TA’ TAGĦRIF QABEL L-UŻU”**

Aqra l-fuljett ta’ tagħrif qabel l-użu.

**11. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS”**

Għal trattament tal-annimali biss.

**12. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Zoetis Belgium

**14. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/08/086/004 (2 siringi tal-ħġieġ b’doża waħda)  
EU/2/08/086/005 (4 siringi tal-ħġieġ b’doża waħda)  
EU/2/08/086/006 (10 siringi tal-ħġieġ b’doża waħda)

**15. NUMRU TAL-LOTT**

Lot {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI  
JMISS MAL-PRODOTT**

**Siringa b'doża waħda**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Equip WNV emulsjoni injejzjoni għaż-żwiemel



**2. ID-DETTALJI KWANTITATTIVI TAS-SUSTANZI ATTIVI**

Virus West Nile inattivat.

**3. NUMRU TAL-LOTT**

Lot {numru}

**4. DATA TA' SKADENZA**

Exp. {xx/ss}

**B. FULJETT TA' TAGĦRIF**

## FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL:

### **1. L-isem tal-prodott mediciinali veterinarju**

Equip WNV emulsjoni għal injejżzjoni għaż-żwiemel

### **2. Kompożizzjoni**

Kull doża ta' 1 ml fiha:

#### **Sustanza attiva:**

Virus West Nile inattivat, razza VM-2	1.0–2.2 RP*
---------------------------------------	-------------

#### **Ingredjenti miżjudha oħra mhux attivi:**

Żejt SP:	4.0% – 5.5% (v/v)
----------	-------------------

\*Qawwa relattiva b'metodu *in vitro*, imqabbel ma' vaċċin ta' referenza li ntwera li kien effikaċċi fiż-żwiemel.

Emulsjoni ftit roża u opaka.

### **3. Speċi li għalihom huwa indikat il-prodott**

Żwiemel.

### **4. Indikazzjonijiet għall-użu**

Għall-immunizzazzjoni attiva ta' żwiemel minn 6 xhur 'il fuq kontra l-marda kkawżata mill-virus West Nile (WNV) billi jitnaqqas in-numru ta' żwiemel b'viremija wara infezzjoni b'WNV lineage strains 1 u 2 u biex jitnaqqas it-tul u s-severità tas-sinjal kliniċi kontra WNV lineage strains 2.

Bidu tal-immunità: 3 ġimġħat wara l-kors primarju ta' vaċċinazzjoni.

Tul tal-immunità: 12-il xahar wara l-kors primarju ta' vaċċinazzjoni għal WNV lineage strains 1. Għal WNV lineage strains 2 it-tul tal-immunità ma' ġietx stabbilita.

### **5. Kontraindikazzjonijiet**

Xejn.

### **6. Twissijiet speċjali**

#### Twissijiet speċjali:

Laqqam biss annimali f'saħħithom.

#### Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi li fuqhom ser jintuża l-prodott:

Il-vaċċinazzjoni tista' tinterferi ma' studji sero-epidemjoloġiċi eżistenti. Madankollu, peress li r-rispons tal-IgM wara l-vaċċinazzjoni mhux frekwenti, riżultat pożittiv tat-test IgM-ELISA huwa indikatur qawwi ta' infezzjoni naturali bil-Virus West Nile. Jekk hija ssuspettata infezzjoni minħabba rispons IgM pożittiv, ikun meħtieġ li jsiru aktar testijiet biex jiġi determinat b'mod konklussiv jekk l-annimal kienx infettat jew vaċċinat.

Ma twettqux studji speċifċi biex jintwera n-nuqqas ta' interferenzi minn antikorpi ġejjin mill-omm fuq it-teħid tal-vaċċin. Għalhekk huwa rakkomandat li ma jiġi vaċċinat ebda mor ta' età inqas minn 6 xhur.

L-użu ta' Equip WNV inaqqas in-numru ta' żwiemel b'viremija wara infelizzjoni naturali, iżda jista' ma jevitahiem b'mod sistematiku.

**Prekawzjonijiet speċjalisti li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:**

F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidental, fittex parir mediku minnufih u uri l-fuljett ta' tagħrif fil-pakkett jew it-tikketta lit-tabib.

**Prekawzjonijiet speċjalisti għall-protezzjoni tal-ambjent:**

Mhux applikabbli.

**Tqala u treddiġ:**

Il-vaċċin jista' jintuża waqt it-tqala u fi żmien it-treddiġ. Madankollu, ma twettqux studji speċifċi dwar l-effikaċja fi dwieb tqal. Bħala konsegwenza, ma jistax jiġi eskluż li immunodipressjoni temporan ja li tista' tkun osservata waqt tqala tista' tinterferixxi mat-teħid tal-vaċċin.

**Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni:**

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effiċjenza ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Għalhekk id-deċiżjoni li tuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor għandha ssir skont il-każ.

**Restrizzjonijiet speċjalisti għall-użu u kundizzjonijiet speċjalisti għall-użu:**

Kull persuna li għandha ħsieb timmanfattura, timporta, iżżomm, tbigħ, tipprovd u/jew tuża dan il-prodott mediċinali veterinarju għandha l-ewwel tikkuntattja l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru relevanti dwar il-programmi ta' tilqim fis-seħħħ, minħabba li dawn l-aktivitajiet jistgħu jkunu pprojebti fit-teritorju kollu ta' Stat Membru jew f'parti minnu skont il-liġi nazzjonali.

**Inkompatibilitajiet maġġuri:**

Tħallatx ma' prodotti mediċinali veterinarji oħra.

## **7. Effetti mhux mixtieqa**

Żwiemel:

Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimali trattati):
Reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva (inklużi remettar, skoordinament, telqa u nifs batut) <sup>1</sup> .
Rari ħafna (<1 annimal / 10,000 annimali trattati, inkluż rapporti iżolati):
-Ipertermija <sup>2</sup>
-Nefħa fil-post tal-injezzjoni (xi kultant huma assoċjati ma' uġiġi u dipressjoni ħafifa) <sup>3</sup>

<sup>1</sup> Bħal kull vaċċin ieħor, reazzjonijiet okkażjonali ta' ipersensittività jistgħu jseħħu rarament. Jekk isseħħi reazzjoni bħal din, it-trattament xiéraq għandu jingħata mingħajr dewmien.

<sup>2</sup> Jgħaddu fi żmien jumejn.

<sup>3</sup> Reazzjonijiet lokali li jgħaddu f'forma ħafifa, nefħa lokali fis-sit tal-injezzjoni wara l-vaċċinazzjoni (massimu ta' 1 cm fid-dijametru) li jitilqu waħedhom fi żmien ġurnata jew tnejn.

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott. Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma' ħadmitx, jekk jogħġibok ikkuntattja, mal-ewwel, lill-verinarju tiegħek. Tista' tirrapporta wkoll kwalunkwe effett mhux mixtieq lir-rappreżentant lokali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq billi tuża d-dettalji ta' kuntatt fit-tmiem ta' dan il-fuljett, jew permezz tas-sistema ta' rapportaġġ nazzjonali dettalji tas-sistema nazzjonali.

## **8. Doża għal kull speċi, mod u metodu ta' amministrazzjoni**

Użu intramusculari.

Agħti l-kontenut kollu tas-siringa (1 ml), permez ta' injezzjoni fonda ġol-muskoli fil-parti tal-għonq, skont l-iskeda li ġejja:

- Kors ta' vaċċinazzjoni primarju: l-ewwel injezzjoni minn età ta' sitt xhur, it-tieni injezzjoni 3-5 ġimġhat wara.
- Vaċċinazzjoni mill-ġdid: għalkemm din l-iskeda għadha ma ġietx validata kompletament, għandu jintlaħaq grad suffiċjenti ta' protezzjoni wara injezzjoni *booster* ta' kull sena b'doża waħda ta' 1 ml.

## **9. Parir sabiex tamministra b'mod korrett**

Mhux applikabbli.

## **10. Perjodi ta' tiżmim**

Xejn.

## **11. Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna**

Żomm fejn ma jidħirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Aħżeen u ttrasporta fil-friġġ (2 °C – 8 °C).

Tagħmlux fil-friża.

Ipproteġi mid-dawl.

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq it-tikketta wara Exp.

## **12. Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi**

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitkolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbli.> <Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jipproteġu l-ambjent.

## **13. Klassifikazzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji**

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

## **14. Numri tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-daqsijiet tal-pakkett**

EU/2/08/086/004-006

Siringa tal-ħġieġ tip I mimlija bil-lest b'doża waħda (1 ml) magħluqa b'tarf tal-gomma bromobutyl.

Ippakkjar: kaxxa tal-kartun ta' 2, 4 jew 10 siringi bil-labar b'doża waħda.

Mhux id-daqsjiet kollha tal-pakkett jistgħu jitpoġġew fis-suq.

## **15. Id-data li fiha ġie rivedut l-aħħar il-fuljett ta' tagħrif**

JJ/XX/SSSS

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fil-Bażi tad-data tal-prodotti tal-Unjoni.

## **16. Dettalji ta' kuntatt**

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-manifattur responsabbi għall-ħruġ tal-lott:

Zoetis Belgium  
Rue Laid Burniat 1  
1348 Louvain-La-Neuve  
Il-Beġju

Rappreżentanti lokali u d-detalji ta' kuntatt biex jiġu rrappurtati effetti mhux mixtieqa:

**België/Belgique/Belgien**  
Zoetis Belgium  
Mercuriusstraat 20  
BE-1930 Zaventem  
Tél/Tel: +32 (0) 800 99 189

**Lietuva**  
Zoetis Belgium  
Mercuriusstraat 20  
1930 Zaventem  
Belgija  
Tel: +370 610 05088

**Република България**  
Zoetis Belgium  
Rue Laid Burniat 1  
1348 Louvain-La-Neuve  
Белгия  
Тел: +359 888 51 30 30

**Luxembourg/Luxemburg**  
Zoetis Belgium  
Mercuriusstraat 20  
1930 Zaventem  
Belsch  
Tél/Tel: +32 (2) 746 80 11

**Česká republika**  
Zoetis Česká republika, s.r.o.  
náměstí 14. října 642/17  
CZ 150 00 Praha  
Tel: +420 257 101 111

**Magyarország**  
Zoetis Hungary Kft.  
Csörsz u. 41.  
HU-1124 Budapest  
Tel.: +36 1 224 5200

**Danmark**  
Zoetis Animal Health ApS  
Øster Alle 48  
DK-2100 København  
Tlf: +45 70 20 73 05  
[adr.scandinavia@zoetis.com](mailto:adr.scandinavia@zoetis.com)

**Malta**  
Agrimed Limited  
Mdina Road, Żebbuġ ZBG 9016,  
MT  
Tel: +356 21 465 797

**Deutschland**

Zoetis Deutschland GmbH  
Schellingstr. 1  
DE-10785 Berlin  
Tel: +49 30 2020 0049  
[tierarzneimittelsicherheit@zoetis.com](mailto:tierarzneimittelsicherheit@zoetis.com)

**Nederland**

Zoetis B.V.  
Rivium Westlaan 74  
NL-2909 LD Capelle aan den IJssel  
Tel: +31 (0)10 714 0900

**Eesti**

Zoetis Belgium  
Mercuriusstraat 20  
1930 Zaventem  
Belgia  
Tel: +370 610 05088

**Norge**

Zoetis Animal Health ApS  
Øster Alle 48  
DK-2100 København  
Danmark  
Tlf: +47 23 29 86 80  
[adr.scandinavia@zoetis.com](mailto:adr.scandinavia@zoetis.com)

**Ελλάδα**

Zoetis Hellas S.A.  
Φραγκοκλησιάς 7, Μαρούσι  
EL-15125 Αττική  
Τηλ: +30 210 6791900

**Österreich**

Zoetis Österreich GmbH  
Floridsdorfer Hauptstr. 1  
AT-1210 Wien  
Tel: +43 (0)1 2701100 100  
[tierarzneimittelsicherheit@zoetis.com](mailto:tierarzneimittelsicherheit@zoetis.com)

**España**

Zoetis Spain, S.L.  
Parque Empresarial Vía Norte Edificio nº1,  
c/ Quintanavides nº13  
ES-28050 Madrid  
Tel: +34 91 4191900

**Polska**

Zoetis Polska Sp. z o.o.  
ul. Postępu 17B  
PL - 02-676 Warszawa  
Tel.: +48 22 2234800

**France**

Zoetis France  
10 rue Raymond David  
FR-92240 Malakoff  
Tél: +33 (0)800 73 00 65

**Portugal**

Zoetis Portugal Lda.  
Lagoas Park, Edifício 10  
PT-2740-271 Porto Salvo  
Tel: +351 21 042 72 00

**Hrvatska**

Zoetis B.V.  
Podružnica Zagreb za promidžbu  
Peta Hektorovića 2  
HR-10000 Zagreb  
Tel: +385 1 6441 462

**România**

Zoetis România S.R.L.  
Expo Business Park, 54A Aviator  
Popișteanu, Clădirea 2, Etaj 1-3,  
Sector 1,  
București, 012095 - RO  
Tel: +40785019479

**Ireland**

Zoetis Belgium S.A. (Irish Branch)  
2nd Floor, Building 10,  
Cherrywood Business Park,  
Loughlinstown,  
Co. Dublin,  
IE – Dublin D18 T3Y1  
Tel: +353 (0) 1 256 9800

**Slovenija**

Zoetis B.V.  
Podružnica Zagreb za promidžbu  
Peta Hektorovića 2,  
10000 Zagreb,  
Hrvatska  
Tel: +385 1 6441 462

**Ísland**

Zoetis Animal Health ApS  
Øster Alle 48  
DK-2100 København  
Danmörku  
Sími: +45 70 20 73 05  
[adr.scandinavia@zoetis.com](mailto:adr.scandinavia@zoetis.com)

**Slovenská republika**

Zoetis Česká republika, s.r.o.  
náměstí 14. října 642/17  
150 00 Praha  
Česká republika  
Tel: +420 257 101 111

**Italia**

Zoetis Italia S.r.l.  
Via Andrea Doria 41M,  
IT-00192 Roma  
Tel: +39 06 3366 8111

**Suomi/Finland**

Zoetis Finland Oy  
Bulevardi 21 / SPACES  
FI-00180 Helsinki/Helsingfors  
Suomi/Finland  
Puh/Tel: +358 10 336 7000  
[laaketurva@zoetis.com](mailto:laaketurva@zoetis.com)

**Kύπρος**

Zoetis Hellas S.A.  
Φραγκοκλησιάς 7, Μαρούσι  
15125, Αττική  
Ελλάδα  
Τηλ: +30 210 6791900

**Sverige**

Zoetis Animal Health ApS  
Øster Alle 48  
DK-2100 Köpenhamn  
Danmark  
Tel: +46 (0) 76 760 0677  
[adr.scandinavia@zoetis.com](mailto:adr.scandinavia@zoetis.com)

**Latvija**

Zoetis Belgium  
Mercuriusstraat 20  
1930 Zaventem  
Belgija  
Tel: +370 610 05088

**United Kingdom (Northern Ireland)**

Zoetis Belgium S.A. (Irish Branch)  
2nd Floor, Building 10,  
Cherrywood Business Park,  
Loughlinstown,  
Co. Dublin,  
IE – Dublin D18 T3Y1  
Tel: +353 (0) 1 256 9800